**STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-KUNSILL EWROPEW TAL-21 u t-22 TA' MARZU 2024**

Sur President, il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu kienet waħda li bħal dejjem tkun waħda mistennija, iżda din id-darba, fix-xenarju u l-kontest internazzjonali ta' bħalissa, kompliet tiġbed aktar interess.

Fil-fatt qabel il-laqgħa ltqajna mas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda António Guterres. Kif mistenni, iddominaw interventi mill-mexxejja rispettivi partikolarment fuq il-gwerra fl-Ukrajna. Kien hemm diversi interventi, tista' tgħid kważi aktar imqanqla, dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani u ħafna minn dawk preżenti staqsejna lis-Segretarju Ġenerali dwar il-fehma tiegħu dwar dawn iż-żewġ gwerer.

Is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Guterres qabbel dak li għaddejjin minnu bħalissa mal-gwerra bierda u l-inkwiet tiegħu hu li qed jara li minflok qed tiżdied l-ordni, qed jiżdied il-kaos. Aktar minn hekk kien xokkanti li smajna li fl-aħħar xhur f'Gaża mietu aktar ċittadini komuni innoċenti milli mietu fl-aħħar sentejn fil-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna.

Fl-intervent tiegħi f'dik il-parti tad-diskussjoni sħaqt li għandna nagħmlu aktar biex ngħinu, fuq kollox kif diġà qed jagħmel pajjiżna. Sħaqt ukoll li m'għandhomx jibqgħu jsofru aktar tfal innoċenti, li rridu niġġieldu l-ġuħ fin-nuqqas kbir ta' ikel li hemm - sfortunatament il-ġuħ qed jintuża bħala arma - u biex titjieb is-sitwazzjoni fl-isptarijiet li kulma jmur qed tmur għall-agħar.

Tajjeb li nirrimarka li s-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Guterres, f'mument minnhom,  għamel intervent speċifiku u rringrazzja lil pajjiżna u lis-Slovenja tal-ħidma fil-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda. Huwa ddeskriva din il-ħidma bħala waħda li serviet biex tgħaqqad fi żmien fejn id-diverġenzi kienu kbar u li għamlet ġieħ mhux biss lill-popli tagħhom – jiġifieri dak ta' Malta u dak tas-Slovenja - iżda lill-Unjoni Ewropea b'mod sħiħ u b'mod ġenerali.

Iva, Sur President, Malta qed tibqa' tkun ta' eżempju!

Wara din il-laqgħa, bdiet il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew bl-iskambju tas-soltu mal-President tal-Parlament Ewropew. Fl-intervent tiegħi f'dik il-parti tad-diskussjoni għamilt ukoll appell għan-nom ta' din il-Kamra.

Fl-isfond ta' aktar pressjoni biex tiżdied in-nefqa fid-difiża u s-sigurtà, wassalt il-messaġġ li filwaqt li nieħu nota ta' dak li kienu qed jgħidu mexxejja oħra u li nirrispetta l-għażliet li jridu jagħmlu għal pajjiżhom, jien kont se nara u niżgura li pajjiżna jkollu s-salvagwardji meħtieġa biex b'mod adegwat tiġi rispettata l-Kostituzzjoni tagħna u l-pożizzjoni ta' dan il-Parlament sovran.

Aktar minn hekk, Sur President, lill-President tal-Parlament Ewropew tlabtha biex fl-istituzzjoni li hi tirrappreżenta jasal il-messaġġ li l-Kostituzzjoni tagħna trid tiġi rispettata u l-pożizzjoni ta' dan il-Parlament m'għandhiex tkun injorata.

Ħassejt li kelli nagħmel dan għaliex fl-aħħar xhur uffiċjali għolja tal-Parlament Ewropew donnhom kienu aktar interessati jrewħu l-konflitt minflok ma jippromwovu l-paċi. Kienu

aktar interessati jippromwovu l-industrija tal-armamenti u l-missili minflok ma jimbuttaw il-prinċipju tal-paċi.

Għalhekk issa niġi għad-diskussjonijiet li kellna f'dan il-Kunsill. Kien hemm erba' temi prinċipali f'dan il-Kunsill:

Is-Sigurtà u d-difiża;
L-Ukrajna;
Il-Lvant Nofsani; u
L-Agrikoltura.

Imbagħad tkellimna wkoll dwar numru ta' temi inqas importanti.

Tista' tgħid li d-diskussjonijiet dwar is-sigurtà u d-difiża, u l-Ukrajna, kienu marbuta flimkien. Fil-fatt, dwar dawn, fil-Kunsill kellna diskussjoni waħda. Qed ngħixu f'xenarju, Sur President, li nistqarr li lili jinkwetani ħafna għax jidher li hemm kurrenti u pressjoni kbira biex tiżdied in-nefqa fid-difiża, fl-armamenti, fl-armati u fl-industrija tal-gwerer. Jinkwetani ħafna l-fatt li din l-industrija qed tagħmel laqgħat ma' uffiċjali għolja tal-Unjoni Ewropea u l-politiċi qed jużaw is-sitwazzjoni preżenti biex jiżdied l-investiment fit-teknoloġija tal-gwerra u biex narmaw lill-ġirien tagħna minflok jagħmlu sforz ġenwin biex jippromwovu l-paċi.

Pajjiżna għandu fehma differenti dwar dan is-suġġett. Pajjiżna se jibqa' jaħdem u jagħmel l-isforzi kollha meħtieġa bħalma għamilna s-sena l-oħra fil-konferenza dwar il-paċi fl-Ukrajna. Se nibqgħu naħdmu biex nippromwovu l-paċi. (Onor. Membri: Hear,

hear)

Madanakollu, u għalkemm dan il-Gvern ma jaqbilx, aħna nifhmu li hemm min irid jagħmel għażliet differenti għal pajjiżu. Hemm min hu interessat fl-armi u li jagħti ċ-ċans lill-industrija tal-gwerra li tkabbar il-profitti tagħha. Dawn il-mexxejja, wara kollox, huma kontabbli lejn il-popli tagħhom u jiġu ġġudikati mill-popli tagħhom.

Għalhekk, Sur President, jien sħaqt li aħna ridna salvagwardji li jieħdu ħsieb il-Kostituzzjoni tagħna. Jien sodisfatt ħafna li rnexxielna niżguraw li l-konklużjonijiet ikollhom salvagwardja speċifika dwar ir-rispett lejn il-Kostituzzjoni tagħna. Din is-salvagwardja daħlet f'żewġ istanzi: f'paragrafu numru ħamsa u f'paragrafu numru dsatax tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

Iswed fuq l-abjad, Sur President.

Din hija salvagwardja ċara li se tiżgura li fil-proċessi leġiżlattivi li se jibdew fix-xhur li ġejjin dwar it-temi li hemm referenza għalihom fil-Kunsill, se tkun protetta u sanċita l-Kostituzzjoni tagħna u l-pożizzjoni li jaqbel fuqha unanimament dan il-Parlament.

Iswed fuq l-abjad. Darba u għal dejjem. Garanzija mill-aktar ċara u soda. (Onor. Membri: Hear, hear)

Din hija garanzija li saħansitra qabel stajt immur quddiem il-Kunsill u ngħid li ma noġġezzjonax għall-bqija tal-konklużjonijiet, ġibna parir, bl-iswed fuq l-abjad u bil-miktub mingħand l-Avukat tal-Istat li qalilna li s-salvagwardji li rnexxielna ninnegozjaw

kienu “adegwatament jipproteġu l-Kostituzzjoni tagħna.”

Mela dan kollu jfisser li dak li jien tkellimt dwaru f’Malta fil-jiem li għaddew innegozjajtu fi Brussell f’isem pajjiżna u b’suċċess. Għaliex aħna għalina, Malta verament hija l-ewwel u qabel kollox! (Onor. Membri: Hear, hear)

Għalhekk niġi għad-diskussjoni li kellna dwar il-Lvant Nofsani. Wara madwar sitt xhur sieket – ngħid issa fortunatament u qabel sfortunatament - il-Kunsill Ewropew adotta forma ta’ konklużjonijiet dwar dan is-suġġett. Kienu tajbin biżżejjed? Żgur li mhumiex perfetti u aħna xtaqna li l-konklużjonijiet fuq il-Lvant Nofsani jkunu aktar ambizzjużi. Tkellimt b’dan il-mod fl-intervent li għamilt f’din il-parti tad-diskussjoni wkoll. Però, Sur President, ngħid li huwa pożittiv li ntbagħat il-messaġġ li ninsabu mħassba ħafna bis-sitwazzjoni li kulma jmur qed tiggrava, bit-telf ta’ ħajjiet ta’ għexieren ta’ eluf ta’ persuni. Nieħu gost ninnota li almenu dawn il-konklużjonijiet, fin-narrattiva issa, ħadu pożizzjoni dwar it-twaqqif permanenti tal-ġlied li issa bdiet toqrob lejn dak li għidna aħna sa mill-bidu nett, għalkemm id-diċitura mhijiex preċiżament dak li xtaqna aħna.

Aktar minn hekk, fil-Kunsill qbilna li l-prinċipju ta’ self-defence ma jistax jiġi abbużat u li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-liġi internazzjonali jridu jiġu obduti. Tkellimna wkoll dwar l-għajnuna umanitarja li għandha titħalla tasal għand dawk fil-bżonn, faħħarna l-inizjattiva Ċiprijotta u tkellimna fuq il-missjoni li tipproteġi bastimenti tal-merkanzija li jkunu għaddejjin mill-Baħar l-Aħmar.

Hawn nixtieq ukoll nagħmel referenza għal-laqgħa li kelli ma’ tliet Prim Ministri ta’ pajjiżi oħrajn: mal-President Sanchez ta’ Spanja, mal-Prim Ministru Golob tas-

Slovenja u mat-Thaoiseach Irlandiż Leo Varadkar. F'din il-laqgħa qbilna li dik imsejħa bħala s-soluzzjoni taż-żewġ stati, it-two-state solution, hija s-soluzzjoni li l-aktar li tagħmel sens bħala soluzzjoni dejjiema u li meta jkun il-waqt, u meta l-aktar jista' jkun ta' ġid, flimkien nirrikonoxxu l-Istat Palestinjan. Ikkommettejna li meta ċ-ċirkostanzi jkunu idonei se naħdmu biex nagħmlu dan. Tkellimna b'mod ċar fid-dikjarazzjoni tagħna dwar a permanent ceasefire. Dan ifisser li fl-istatement konġunt mat-tliet mexxejja l-oħra morna pass 'il quddiem milli mar il-Kunsill u tkellimna b'mod ċar dwar permanent ceasefire.

Qabel ma nikkonkludi dwar l-agrikoltura, irrid insemmi wkoll li kellna diskussjonijiet qosra imma ffukati fuq ir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi bħal Haiti, il-Belarussja u r-Russja dwar it-tkabbir tal-Unjoni fejn qbilna dwar il-ftuħ ta' negozjati mal-Bosnia u Herzegovina, u fl-aħħar nett ilqajna b'mod pożittiv il-ftehimiet għal sħubijiet strateġiċi mal-Eġittu u l-Mauritania.

Nagħlaq bl-agrikoltura, Sur President. Din kienet diskussjoni interessanti u ħadt gost ninnota l-ġist tad-diskussjoni madwar il-mexxejja kollha, kif ukoll mal-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-President tal-Kunsill innifsu, li ħadet sew qies tal-vuċi tal-bdiewa. Kienet diskussjoni interessanti wkoll li fiha l-Kunsill qabel li għandna ngħinu lis-settur agrikolu għaliex nifhmu li strateġikament dan huwa kruċjali għalina. Għalhekk qbilna li b'mod immedjat għandna naraw li jiġu implimentati soluzzjonijiet li jnaqqsu l-burokrazija, iżidu d-dħul tal-bdiewa, li nagħtuhom is-sapport meħtieġ - kif qed nagħmlu b'diversi inizjattivi f'pajjiżna - u nassiguraw li l-kompetizzjoni tkun ġusta.

Għall-fini ta' rekord, Sur President, irrid insemmi wkoll li kellna summit taż-Żona Ewro

u laqgħa mal-mexxejja tal-EEA (Komunità Ekonomika Ewropea). Fil-Euro Summit, fl-isfond ta’ diskussjoni dwar l-inflazzjoni, stajt nosserva kif inizjattivi bħal Stabbiltà li daħħalna f’pajjiżna kienu f’waqthom u għenu biex pajjiżna jkun is-suċċess ekonomiku li hu. (Onor. Membri: Hear, hear)

Fl-aħħar nett qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.